



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Awwissu 2024
(OR. en)

10844/24

LIMITE

TRANS 291
AVIATION 99
RELEX 778
ASIE 22

Fajls Interistituzzjonali:
2015/0188(NLE)
2015/0189(NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea
u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh
dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tiene subparagrafu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ L-approvazzjoni ta' ... (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1698², il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim") ġie ffirmat fis-7 ta' Ġunju 2024, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) L-għan tal-Ftehim huwa li jgħib il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn seba' Stati Membri u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat.
- (4) F'konformità mat-Trattati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel in-notifiki previsti fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1698 tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (ĠU L, 2024/1698, 26.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1698/oj>).

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim")³ huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha, fisem l-Unjoni, tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha⁴.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

³ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, 2024/1699, 26.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2024/1699/oj.

⁴ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.